MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1738/2001/1

**Francis Azzopardi**

**vs**

**Charlot Micallef u Charles Mangion**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u disghin lira Maltija (Lm590.00), u fejn intqal:**
**Illi l-attur biegh u installa aperturi u xoghol iehor ta' l-aluminium fl-appartament tal-konvenut fil-Qawra u dan fuq ordnijiet taghhom stess;**
**Illi l-konvenuti effettwaw xi pagamenti izda ghadhom debituri ta' l-attur fis-somma ta' hames mija u disghin lira Maltija (Lm590.00);**
**Illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti jhallsu l-ammont gja ndikat izda dawn baqghu nadempjenti;**

**Ghaldaqstant, l-attur jitlob lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hames mija u disghin lira Maltija (Lm590.00);**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Novembru, 2001, u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Charles Mangion prezentata fl-14 ta' Jannar, 2002, fejn intqal li l-azzjoni attrici hija preskritta; u illi x-xoghol li gie esegwit ma sarx skond is-sengha u l-arti; salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Charlot Micallef illi eccepiet: Illi hija m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante li ma taghtu ebda inkarigu; u Illi l-azzjoni attrici hija preskritta.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fit-3 ta' Mejju, 2002, li biha rriduca t-talba ghall-erba' mija u disghin lira Maltija (Lm490.00); kif ukoll n-nota prezentata fil-31 t'Ottubru, 2002, li biha rriduca t-talba ghall-tlett mija u disghin lira Maltija (Lm390.00) stante pagament fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Francis Azzopardi. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi mid-deposizzjoni ta' l-attur jirrizulta li kien sar ftehim taz-zewg konvenuti xi sena u nofs ilu ghall-xoghol ta' l-aluminium. L-ordni originali kien ta' elf u tmien mitt lira Maltija (Lm1800.00). L-attur qed ifittex ghall-bilanc stante li saru diversi pagamenti.**

**Ma jirrizultax li l-konvenuti qatt ilmentaw dwar ix-xoghol in kwistjoni, anzi kienu qed jeffettwaw pagamenti. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fis-somma kif ridotta ta' tlett mija u disghin lira Maltija**

**(Lm390.00) bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru, 2001 sal-effettiv pagament.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati ugwalment mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**